

Brussell, 16 ta' Mejju 2025
(OR. en)

9023/25

CORLX 466
CFSP/PESC 705
CSC 231
COAFR 98

PROPOSTA

minn:	Ir-Rappreżentant Għoli tal-Unjoni għall-Affarijiet Barranin u l-Politika ta' Sigurtà, iffirmata mis-Sa Belén MARTINEZ CARBONELL, Segretarju Ġenerali
data meta waslet:	16 ta' Mejju 2025
lil:	Is-Sa Thérèse BLANCHET, Segretarju Ġenerali tal-Kunsill tal-Unjoni Ewropea
Suġġett:	Proposta mir-Rappreżentant Għoli tal-Unjoni għall-Affarijiet Barranin u l-Politika ta' Sigurtà lill-Kunsill għal Deċiżjoni tal-Kunsill li testendi l-mandat tar-Rappreżentant Speċjali tal-Unjoni Ewropea għar-Reġjun tal-Lagi l-Kbar u li temenda d-Deċiżjoni (PESK) 2024/2098

Id-delegazzjonijiet isibu mehmuż id-dokument HR(2025) 92 NEANT.

Mehmuż: HR(2025) 92 NEANT

HR(2025) 92
Limited

SERVIZZ EWROPEW GĦALL-AZZJONI ESTERNA



**Proposta mir-Rappreżentant Għoli tal-Unjoni
għall-Affarijiet Barranin u l-Politika ta' Sigurtà
lill-Kunsill**

tas-16/05/2025

**għal Deċiżjoni tal-Kunsill li testendi l-mandat tar-Rappreżentant Speċjali tal-Unjoni
Ewropea għar-Regġun tal-Lagi l-Kbar u li temenda d-Deċiżjoni (PESK) 2024/2098**

HR(2025) 92
Limited

HR(2025) 92 *Limited*

Proposta għal

DEĊIŻJONI TAL-KUNSILL

ta' [jj/xx/ssss]

li testendi l-mandat tar-Rappreżentant Speċjali tal-Unjoni Ewropea għar-Reġjun tal-Lagi l-Kbar u li temenda d-Deċiżjoni (PESK) 2024/2098

IL-KUNSILL TAL-UNJONI EWROPEA,

Wara li kkunsidra t-Trattat dwar l-Unjoni Ewropea, u b'mod partikolari l-Artikolu 33, flimkien mal-Artikolu 31(2) tiegħu,

Wara li kkunsidra l-proposta mir-Rappreżentant Għoli tal-Unjoni għall-Affarijiet Barranin u l-Politika ta' Sigurtà,

Billi:

- (1) Fis-26 ta' Lulju 2024, il-Kunsill qabel li jaħtar Rappreżentant Speċjali tal-Unjoni Ewropea (RSUE) għar-reġjun tal-Lagi l-Kbar.
- (2) Fl-istess data, il-Kunsill adotta d-Deċiżjoni (PESK) 2024/2098¹, li ħatret lis-Sur Johan BORGSTAM bħala r-Rappreżentant Speċjali tal-Unjoni Ewropea (RSUE) għar-reġjun tal-Lagi l-Kbar. Il-mandat tar-RSUE jiskadi fil-31 ta' Awwissu 2025.
- (3) Il-mandat tar-RSUE jenħtieġ li jiġi estiż għal perjodu ulterjuri ta' 24 xahar u jenħtieġ li l-ammont ta' referenza finanzjarja jiġi aġġustat kif meħtieġ.
- (4) Ir-RSUE ser jimplimenta l-mandat fil-kuntest ta' sitwazzjoni li tista' tiddeterjora u li tista' timpedixxi l-kisba tal-oġġettivi tal-azzjoni esterna tal-Unjoni kif stipulat fl-Artikolu 21 tat-Trattat dwar l-Unjoni Ewropea,

ADOTTA DIN ID-DEĊIŻJONI:

Artikolu 1

Rappreżentant Speċjali tal-Unjoni Ewropea

Id-Deċiżjoni (PESK) 2024/2098 hija emendata kif ġej:

(1) fl-Artikolu 1, il-paragrafu 1 huwa sostitwit b'dan li ġej:

"Is-Sur Johan BORGSTAM huwa b'dan maħtur bħala r-Rappreżentant Speċjali tal-Unjoni Ewropea (RSUE) għar-reġjun tal-Lagi l-Kbar mill-1 ta' Settembru 2024 sal-31 ta' Awwissu 2025.

Il-mandat tas-Sur Johan BORGSTAM bħala r-RSUE għar-reġjun tal-Lagi l-Kbar huwa estiż sal-31 ta' Awwissu 2027.

¹ Deċiżjoni tal-Kunsill (PESK) 2024/2098 tas-26 ta' Lulju 2024 li taħtar ir-Rappreżentant Speċjali tal-Unjoni Ewropea għar-reġjun tal-Lagi l-Kbar, ĠU L, 29 ta' Lulju 2024.

HR(2025) 92

Limited

Il-Kunsill jista' jiddeċiedi li jestendi l-mandat tar-RSUE, jew li jtemmu qabel, fuq il-bażi ta' valutazzjoni mill-Kumitat Politiku u ta' Sigurtà (KPS) u proposta mir-Rappreżentant Għoli tal-Unjoni għall-Affarijiet Barranin u l-Politika ta' Sigurtà ("ir-Rappreżentant Għoli")."

(2) fl-Artikolu 5, il-paragrafu 1 huwa sostitwit b'dan li ġej:

"L-ammont ta' referenza finanzjarja maħsub biex ikopri n-nefqa relatata mal-mandat tar-RSUE għall-perjodu mill-1 ta' Settembru 2025 sal-31 ta' Awwissu 2027 għandu jkun ta' EUR XXX"

(3) fl-Artikolu 13, il-paragrafu 1 huwa sostitwit b'dan li ġej:

"L-implimentazzjoni ta' din id-Deċiżjoni u l-konsistenza tagħha ma' kontributi oħra mill-Unjoni lir-reġjun tal-Lagi l-Kbar għandhom jiġu rieżaminati b'mod regolari. Ir-RSUE għandu jippreżenta lill-Kunsill, lir-Rappreżentant Għoli u lill-Kummissjoni rapporti ta' progress regolari u rapport komprensiv finali dwar l-implimentazzjoni tal-mandat sal-31 ta' Mejju 2027."

Artikolu 2

Dħul fis-seħħ

Din id-Deċiżjoni għandha tidħol fis-seħħ fid-data tal-adozzjoni tagħha.

Magħmul fi Brussell,

Għall-Kunsill
Il-President